MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 44/2022**

**Il-Erbgħa, 26 ta' Jannar 2022**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsan fl-indirizz Triq il-Knisja fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba – Kunsillier

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Marlene Cini.

44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

44.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa.

44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

44.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 42/2021-8 u 43/2022-8 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

44.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

44.2.3 Ma' kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati.

44.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

44.3.1 Is-Sindku, Dott Marlene Cini awgurat fejqan ta' malajr lis-Sindku preċedenti s-Sur Nicky Saliba u li attenda għal din il-laqgħa b'mod virtwali.

44.3.2 Is-Sindku talbet lil membri sabiex tiġi mħarsa l-protezzjoni tad-data tul il-laqgħa.

44.3.3 Is-Sindku, Dott Marlene Cini tat rendikont ta' l-applikazzjonijiet li l-Kunsill għandu tad-DPF. Fuq proposta tas-Sindku, il-membri qablu li għandhom jinġabru kwotazzjonijiet għal 10 bankijiet ġodda minn materjal tal-PVC biex jitkompla mal-proġett ta' Triq Għar Qawqla. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li l-istess triq kienet ġiet miksija minn fondi tad-DPF u propona li tkompli tinkesa' il-

pjazza li hemm qabel ma tinżel għal bajja. Is-Sindku, Dott. Marlene Cini infurmatu li ser tivverifika mal-Planning Authority sabiex il-Kunsill ikun jaf x'fondi baqagħlu. Qablu wkoll li jinġabru kwotazzjonijiet għal *playhouse* u *seasaws* għat-tfal sa tnax-il sena għaż-Żebbuġ Playing Field sabiex jiżdiedu ma' l-*equipment* diġa eżistenti.

44.3.4 Is-Sindku propona u l-membri qablu li għandhom jeħlu tabelli fiż-Żebbuġ Playing Field li turi li hemm is-CCTV kif ukoll teħel tabella li ma jistax ikun hemm sewqan ta' roti bil-mutur u li jistgħu jinstaqu biss roti minn tfal żgħar. Staqsiet ukoll jekk dan il-Playing Field għandux isem. Is-Sur Nicky Saliba irrisponda illi diġa għandu l-isem ta' Mons De Piro. Is-Sur Daniel Cordina qal li kien hemm plakka meta kien ġie inawgurat mill-Onor. Anton Tabone. Is-Sur Nicky Saliba qal li l-plakka qedgħa fl-istore u kienet inqelgħet meta ingħata bidu għat-tisbiħ tal-playing field. Il-membri qablu li terġa teħel u jibqa' imsemmi Mons De Piro.

44.3.5 Fuq proposta tas-Sindku il-membri qablu li għandhom jinġabru kwotazzjonijiet għal *modules* sabiex jitwaħħlu fuq tarġa biex ma tkunx perikoluża fiż-Żebbuġ Playing Field. Hawn is-Sur Nicky Saliba wera id-disappunt tiegħu li l-*green wall* ma sarx kif kellu jsir jew għalinqas kif kellu f'moħħu. Kompla jgħid li l-Kuntrattur kien jgħidlu li qed jistenna ix-xibka ġejja mill-Italja meta xibka bħal li twaħħlet tista' tinxtara faċilment minn hawn. Is-Sur Daniel Cordina qal li jifhem il-punt tiegħu u għalhekk għandu jiġi evalwat li din saret skond l-offerta maħruġa. Il-Kunsill ser jiċċekja dan mal-*Contracts Manager* tal-Kunsill.

44.3.6 Is-Sindku infurmat lil membri illi l-bini tal-ħitan tas-sejjieħ fi Triq is-Sagħtriija qed jitkompla. Kompliet tgħid li saret *site inspection* flimkien mal-Perit tal-Kunsill, il-Kuntrattur u s-*sub contractor* fejn minħabba l-perikolu li tista' taqa t-triq ġie miftiehem li titnaddaf tajjeb it-triq minn fejn ser jinbnew il-ħitan, isiru l-pedamenti meħtieġa bil-konkos u bini bil-kantuni sabiex wara ikun jista' jittella l-ħajt tas-sejjieħ. Infurmathom ukoll li in vista ta' spejjes żejda li jista' jġib miegħu dan il-bini, ix-xogħol ser isir biċċa biċċa fuq gwida tal-Perit tal-Kunsill.

44.3.7 Rigward l-*storm water culvert* fi Sqaq fi Triq Madonna taċ-Ċiċċri, is-Sindku Dott Marlene Cini infurmat lil membri li x-xogħol kellu jieqaf minħabba li hemm bżonn jitranġaw is-servizzi ta' l-ilma. Wara approvazzjoni bil-miktub tal-membri preżenti permezz ta' emejl datata 12 ta' Jannar 2022 il-Kunsill seta jmexxi sabiex tinġab l-approvazzjoni meħtieġa mingħand il-Water Services Corporation. L-ispiża ser tiġi tiswa €2881.67.

44.3.8 Is-Sindku infurmat lil membri li wara li saret talba mill-Kunsill għal żewġ settijiet ta' *crash barriers* fi Triq l-Imgħallem, sett fejn il-Wied tas-Salve Reġina u ieħor fejn iċ-Ċimiterju taż-Żebbuġ, dawn ġew approvati miill-Ministeru għal Għawdex u qegħdin għand Transport Malta għall-approvazzjonijiet meħtieġa.

44.3.9 Rigward l-ilmijiet fi Triq iż-Żebbuġ, is-Sindku nfurmat lil membri li saret laqgħa fuq il-post mal-Perit u l-Enġineer tad-dawl sabiex issir trinka għan-naħħa l-oħra tat-triq. Il-Perit tal-Kunsill propona li ssir trinka li taqsam it-triq biex b'hekk l-ilma jgħaddi minn katusa għal gandott li ilu eżistenti minn żmien l-Ingliżi li twassal għal Wied l-Infern. Kompliet tgħid li jekk jinkisbu l-permessi meħtieġa mit-*Trenching office* ix-xogħol ikun jista' jinbeda minnufih sabiex din il-problema ta' l-ilma fit-triq prinċipali tar-raħal tissolva darba għal dejjem. Il-Kunsilliera Daniel Cordina u Baskal Saliba proponew li l-ewwel l-ilma għandu imur fil-ġibja tal-Kunsill imbgħad l-*overflow* imur fil-gandott ta' żmien l-Ingliżi. Il-membri qablu li għandha terġa ssir laqgħa fuq il-post mal-Perit u l-kuntrattur tat-*trenching* sabiex jiġi ġustifikat jistax isir dan. Jekk fin-negattiv isir kif diġa proponut mill-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsillier Baskal Saliba ser javviċina lil min kien għamel din il-ġibja sabiex il-Kunsill ikollu gwida aħjar.

44.3.10 Is-Sindku nformat lil membri li t-tapit ta' madwar il-bandli fil-Qbajjar Promenade qed jitkompla. Bi pjaċir infurmat lil membri li l-Kunsill ser jibbenifika minn fondi tal-LESA li jammontaw għal €80,000. Kompliet tgħid illi iċ-ċerimonja ta' l-għoti tal-fondi ser issir ġewwa l-Universita' l-Antika fil-Belt Valletta u ser tattendi l-Viċi Sindku flokha peress li hi ma tistax tattendi minħabba raġunijiet mediċi fil-familja. Qalet ukoll li dan il-Promenade għandu potenzjal kbir u taħseb li mhux bizżejjed dawn il-fondi sabiex jitranġaw il-bżonnijiet kollha li jistħoqlu. Għal dan il-għan

proponiet li l-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex sabiex dan il-promenade jingħata d-dehra li jixraqlu. Proponiet u l-membri qablu li għandhom isiru l-pjanti meħtieġa mill-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsillier Cordina qal li dan il-promenade jonqsu biss li jitranġa il-pavimentar u jsir dawl aħjar.

44.3.11 Is-Sindku informat lil Kunsilliera li ħarġet Skema Reġjonali – Parks, Ġonna u Spazzji Pubbliċi – 2021. Kompliet tgħid illi din hija skema tar-Reġjun t'Għawdex fejn il-Kunsill jidħol biċ-ċans li jieħu fondi sa massimu ta' €25,000 sabiex jitranġaw spazzji pubbliċi. Għal dan il-għan proponiet sabiex fl-ispazju miftuħ li hemm fit-tela' taż-Żebbuġ fejn hemm is-siġar taż-Żebbuġ għandu jitnaddaf mill-ħaxix ħażin, jitħawlu xi pjanti u fjuri u jsiru bankijiet u *picnic tables* kemm għall-kbar kif ukoll għaż-żgħar. Il-Kunsilliera Daniel Cordina u Baskal Saliba ma qablux mal-proposta tas-Sindku peress li jħossu li dawn il-fondi għandhom jingħaqdu mal-fond tal-LESA sabiex isir il-Qbajjar Promenade. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li l-promenade jista' jsir parti parti u qal li ser ikun hemm fondi oħra mir-Reġjun li bħala Kunsill ikun jista' jitlob l-għajnuna għal promenade. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li sabiex il-Kunsill japplika għal din l-iskema ma jistax ikollu finanzjament minn skema oħra. Għal dan il-għan il-membri qablu li l-Kunsill japplika għal din l-iskema għal Triq il-Knisja.

44.3.12 Is-Sindku Dott Marlene Cini infurmat lil membri li ħarġet Sotto Miżura 4.3 – Appoġġ għall-investimenti fl-infrastruttura relatati mal-iżvilupp, il-modernizzazzjoni jew l-adattamenti tal-agrikoltura u l-forestrija. Is-Sindku kompliet tgħid illi dawn huma fondi Ewropej biċ-ċans li l-Kunsill jieħu fondi sabiex isir pavimentar ġdid f'toroq rurali. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill għandu japplika sabiex issir Triq il-Merżuq peress li Triq is-Sagħtrija aktarx ser japplika għaliha il-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsillier Daniel Cordina ma qabilx li ssir Triq il-Merżuq pero propona li ssir Triq ta' Klajru jew Triq ta' Tuttiet. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona li ssir Triq tal-Baħar mix-Xwejni l-ġewwa. Propona wkoll li ndaħħlu kemm il-applikazzjoni u propona li ssir it-triq ta' fejn l-irziezet – Triq ta' Ħluq. Is-Sindku proponiet ukoll li jekk Triq is-Sagħtija ma japplikax għaliha il-Ministeru, il-Kunsill għandu japplika hu għaliha. Il-membri qablu li għandhom isiru 2 sottomissjonijiet – waħda għal Triq ta' Klajru u oħra għal Triq ta' Ħluq kif ukoll jekk il-

Ministeru ma japplikax għal Triq is-Sagħtrija ssir sottomissjoni tagħha ukoll. Il-Perit għandu jħejji is-*surveys* u l-BOQ neċessarji.

44.3.13 Rigward l-iskema ta' Ambjent Malta – Local Council Urban Greening Scheme. Is-Sindku Dott Marlene Cini infurmat lil membri li ħarġet skema oħra fejn il-Kunsill jista' japplika għal fondi sabiex isiru proġetti sabiex nħaddru l-lokalita' tagħna. Is-Sindku proponiet sabiex isiru *lava concrete planters* fi Pjazza l-Assunta u l-Belvedere ta' ħdejn il-playing field taż-Żebbuġ. Proponiet li fil-Pjazza jsiru tmienja, jiġifieri erbgħa kull naħa u sitta fil-belvedere. Rigward l-*lava concrete planters* fi Pjazza l-Assunta, is-Sindku kkonsultat ma' membru ta' l-Għaqda tal-Armar sabiex ma jkunx hemm ostakoli għall-armar tal-festa. Is-Sur Nicky Saliba ġibed l-attenzjoni illi l-Kunsill irid jara li ma jkunux idejqu lir-residenti u ma jitpoġġewx quddiem xi ħanut. Kompla jgħid li importanti li l-bankina tibqa' aċċessibli għal persuni li jużaw siġġu tar-roti. Il-membri qablu li l-Perit tal-Kunsill għandu jħejji il-BOQ neċessarji.

44.3.14 Is-Sindku infurmat lil membri li ħarġet skema tal-Gvern Lokali – SPI.SCI.1.2022 – Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Is-Sindku propniet u l-membri qablu li l-Kunsill għandu japplika sabiex fis-*soft area* li hemm fi Triq Barda issir *playing field* u isfel isir uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill f'Marsalforn minħabba id-diżlivellar tat-triq u dan jiġi simili bħal *playing field* tal-Virtu'. Is-Sur Nicky Saliba propona li għandha ssir DNO urġenti mal-Planning Authority f'dan ir-rigward. Qablu ukoll li l-Perit tal-Kunsill għandu jħejji il-BOQ neċessarja sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika.

44.3.15 Rigward id-dawl madwar il-lokalita'. Is-Sindku nfurmat lil membri ġie mqabbad *technician* li qed jiġi mqabbad sabiex jirranġa l-istreet lighting peress li kien hemm ħafna bżonn ta' tiswijiet u l-Kunsill ma jistax joqgħod jistenna ġimgħat sabiex jiġu rranġati l-bozzoz li jiġu rrapurtati. Kompliet tgħid li nġabret kwotazzjoni sabiex jitranġaw it-tnax il-fanal mill-fanali li hemm fiż-Żona tal-Qbajjar. Il-membri qablu li dawn għandhom jitranġaw liema spiża ser titla' għal €465 VAT inkuż għal kull wieħed. Proponiet ukoll u l-membri qablu sabiex issir bozza ġdida fi Triq ix-Xwejni faċċata tal-Bajja tal-Qbajjar. Is-Sindku nfurmat lil preżenti li d-9 fanali ġodda għal Bajja ta' Taħt ix-Xifer inxtraw pero biex jiġu installati irid ikun

temp sabiex peress li t-*technician* irid jagħmel *base* tal-konkos taħthom.

44.3.16 Is-Sindku nfurmat lil membri li ġiet infurmata mill-Ministeru għal Għawdex li dawn qed jippreparaw biex jinħarġu l-offerti neċessarji sabiex isir *refurbishment* mistħoqq għal Ġnien tat-Tlett Għoljiet.

44.3.17 Rigward il-ftuħ ta' l-Għassa tal-Pulizija ta' Marsalforn, is-Sindku nfurmat lil membri li waqt il-laqgħa li ssir ta' kull xahar mas-Supt. tal-Pulizija inġibdet l-attenzjoni li l-għassa ta' Marsalforn qed tkun magħluqa. Kompliet tgħid li l-Kunsill ġie infurmat li la jkun hemm pulizija biżżejjed din l-għassa terġa tinfetaħ. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li sew li kieku l-pubbliku jiġi infurmat b'dan. Is-Sindku qalet li l-*Community Policing* ser jgħinu għal ġid tal-lokalita' u ferħet lil PC Joseph Cini li ser ikun stazzjonat fil-lokalita' taż-Żebbuġ u Marsalforn. Kompliet tgħid li meta dan ma jkunx *duty* ser jitla' pulizija li jkun f'lokalita' fil-qrib sabiex jagħmel ir-ronda fil-lokalita' tagħna. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li il-*Community Police* ma jistax jieħu rapporti u għalhekk ir-resident ikollu jmur l-għassa. Kompla jgħid li ġie infurmat li ser ikun hemm pulizija fil-għassa ta' Marsalforn pero jinsisti li f'Marsalforn ikun hemm aktar minn żewġ pulizija. Kompla jgħid li l-*Community Police* ma jaħdmux iljieli. Qal ukoll li għax il-Kunsill għamel pressjoni ser tinfetaħ l-għassa wara tlett xhur magħluqa. Qal li hemm bzonn li f'dik l-għassa jkun hemm surġent u tlett pulizija. Is-Sindku nfurmatu li l-Kunsill ser jibqa' jagħmel pressjoni f'dan ir-rigward.

44.3.18 Is-Sindku nfurmat lil membri li l-Asst Prinċipal tal-Kunsill iritornat lura mal-Kunsill taż-Żebbuġ u qed taħdem fl-uffiċċju ta' Marsalforn. Qalet li għandha 108 siegħa *Vacation Leave* akkumulati mis-sena 2021. Kompliet tgħid li wara li l-Kunsill talab għad-direzzjoni mid-Dipartiment għal Gvern Lokali, l-Kunsill ġie nfurmat illi skond l-HR Regulations u l-Ftehim kollettiv tal-Ħaddiema Klerikali, hu massimu ta' 48 siegħa li jistgħu jiġu akkumulati għas-sena ta' wara. Is-Sindku fakkret lil membri li l-ħaddiema klerikali tal-Kunsill ġeddidnilhom madwar mitt siegħa pero dan minħabba l-esiġenzi tax-xogħol. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li l-Asst. Prinċipal ma kienitx taħdem mal-Kunsill u għalhekk ma jistax jgħid x'kienu l-esiġenzi. Kompla jgħid li hu mhux ser jerfa' responsabilita' u jifirħilha li reġgħet ġiet lura. Talab

lis-Seg. Eżekuttiv sabiex tgħaddilu l-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mid-Dipartiment sabiex wara jkun jista' jieħu deċiżjoni f'dan ir-rigward. Is-Sur Nicky Saliba qal li l-Kunsill mhux ser iċaħħad lil ħadd mid-dritt tiegħu pero ma jistax jerfa' ir-responsabilita'. Il-membri qablu li ser tiġi ċirkolata emejl f'dan ir-rigward sabiex tittieħed deċiżjoni fi żmien qasir.

44.3.19 Is-Sindku Dott Marlene Cini infurmat lil membri preżenti li qed isiru l-*patrols* meħtieġa mill-*Community Steward* għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, kemm fiż-Żebbuġ u f'Marsalforn u qed tħares ukoll l-ġonna u l-playing fields madwar il-lokalita'. Is-Sindku proponiet u l-membri qablu li għandu jinxtara ikel għal qtates tat-toroq u jitqassam lil *cat feeders* mill-*Community Steward* u dan peress li bħalissa l-SPCA mhux iqassmu ikel minħabba l-pandemija tal-Covid-19.

44.3.20 Is-Sindku proponiet u l-membri qablu li għandu jsir *refurbishment* ta' l-uffiċċju tal-Kunsill billi jinqala l-*aluminium* u l-ħajt ta' tlett filati u jinxtraw skrivaniji u siġġijiet ġodda peress li l-għamara li hemm ilha mill-bidu tal-Kunsill. Il-membri qablu wkoll li għandhom jinġabru l-istejjem neċessarji. Is-Sindku nfurmat ukoll lil membri li qed tara li l-*computers* tal-Kunsill ikollhom sistema ta' *back up* u sistema ta' IT aħjar. Kompliet tgħid li għaddejjin diskussjonijiet mal-MITA sabiex f'Marsalforn ikun hemm sistema bħal taż-Żebbuġ sabiex il-Kunsill ikun jista' joffri servizz komplut.

44.3.21 Is-Sindku proponiet u l-membri qablu li l-ħinijiet tal-ftuħ ta' l-uffiċċju għal pubbliku fix-Xitwa għandu jkun mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mit-8am sat-3pm u l-ħinijiet l-oħra jkun bħala *back office.* Is-Sibtijiet il-ħin jibqa' l-istess għal pubbliku jiġifieri mit-8am sal-11am. Fis-Sajf il-ħinijiet ta' ftuħ ta' l-Uffiċċju għal Pubbliku jkun mit-8am sas-1pm u l-bqija tal-ħin isir xogħol bħala *back office.*

*Fis-7 ta' filgħaxija Is-Sur Nicky Saliba skuża ruħu li ser ikollu jitlaq mill-laqgħa peress li kien qed iħossu ftit ma jiflaħx.*

44.3.22 Is-Sindku Dott Marlene Cini infurmat lil membri li l-Kunsill qed jikkordina mal-Malta Libraries sabiex il-*Council Assistant* isir ukoll librar u dan sabiex ikun jista' jiftaħ il-librerija meta l-librara ma tkunx tista' tiftaħ il-librerija u nhar ta' Sibt jaħdmu

alternattivament sabiex ikunu aktar flessibli. Kompliet tgħid li sakemm jinkisbu l-approvazzjonijiet meħtieġa, il-*Council Assistant* qed jakkumpanja lil librara sabiex ikun jista' jitgħallem il-proċess ta' librar. Il-membri qablu. Kompliet tgħid li saret paġna ta' FB ġdida tal-librerija. Is-Sindku infurmat lil membri li wara talba li saret mill-Iskola Primarja taż-Żebbuġ il-ħinijiet tal-ftuħ tal-librerija ta' kull nhar ta' Tlieta ser jinbidlu minħabba l-fatt li ser isir programm mill-iskola Primarja sabiex iħeġġu l-istudenti biex jaqraw iktar. L-iskola talbet li kull nhar ta' Tlieta l-librerija tibda tiftaħ mis-12.30pm sas-2.30pm. Proponiet ukoll sabiex kull nhar ta' Tnejn u Ħamis, il-librerija tibda' tiftaħ mit-3pm sal-5pm. Il-membri qablu.

44.3.23 Is-Sindku, Dott Marlene Cini infurmat lil membri li kellha laqgħa mal-Kuntrattur li jipprovdi dawn l-*iskips* fejn infurmha li ma jridx li jipprovdihom aktar peress li qed jintrema kull tip ta' skart fihom anke karkassi ta' annimali bil-konsegwenza li qed jingħataw multi min-naħa tal-Wasterserv. Proponiet sabiex jitneħħew l-*iskips* tal-borża s-sewda pero' li qabel ma jitneħħew l-*iskips* isiru CCTV cameras ġodda flok dawk eżistenti, titwaħħal waħda ġdida fi Triq il-Qolla s-Safra u jibdew jitħaddmu mill-LESA. Kompliet tgħid li wara li isir dan kollu jitneħħew l-*iskips* tal-borża s-sewda mill-lokalita' peress li ż-Żebbuġ hu l-unika Kunsill f'Għawdex li jipprovdi dawn it-tip ta' *skips* li jagħtu lok għal abbuż u l-Kunsill mhux qed iħeġġeġ lir-residenti biex jisseparaw l-iskart iżda kulħadd qed jarmi bl-addoċċ. Qalet ukoll li għandhom issiru żewġ kollezzjonijiet oħra tal-borża s-sewda madwar Marsalforn li jsiru kull nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ħadd fil-ghodu. Kompliet tgħid li wara li għamlet il-kalokoli jekk jitneħħew l-iskips u jiżdiedu dawn iż-żewġ rondi l-Kunsill ikun qed jifranka madwar €11,000 fis-sena u b'hekk il-Kunsill ikun qed iżomm Marsalforn aktar nadif. Il-Viċi Sindku, Sandra Grech qablet mal-proposta tas-Sindku li tiżdied darbtejn oħra fil-ġimgħa il-kollezzjoni tal-borza s-sewda u li jitneħħew l-iskips. Il-Kunsillier Daniel Cordina oppona għal proposta tas-Sindku li jitneħħew dan l-iskips. Qal li erbgħa blokkok ta' appartamenti biss għandhom kamra apposta fejn ipoġġu l-iskip tagħhom. Kompla jgħid li kien hu l-ewwel wieħed li kien talab li jitneħħew l-iskips ta' Triq ir-Rabat. Is-Sindku staqsietu x'kien ġara meta tneħħa l-iskip ta' fejn it-Torri tal-Qolla l-Bajda. Dan wieġeb li indraw minn nies li tneħħew qal li pero l-iskips l-oħra ta' Triq il-

Qbajjar u Triq il-Qolla s-Safra huma differenti. Is-Sur Cordina qal li dawn għanhom jitħallew kif inhuma u minflok isiru taħt l-art, jitnaddaf sewwa madwarhom u jinbnew il-ħitan neċessarji u jsiru is-CCTV. Fakkar li billi f'Marsalforn hawn ħafna villaġjaturi joħorġuh barra wara li jkun għadda l-ischammel. Kompla jgħid li jekk jitranġaw is-CCTV cameras tissolva l-problema. Qal ukoll li jaqbel li jsir ġbir *extra* pero l-Kunsill irid jiċċekja jekk il-Wasteserv jagħtux l-approvazzjoni tagħhom minħabba it-tbattil ta' l-ischammel il-Ħadd. Reġa saħaq li ma jaqbilx li jitneħħew l-iskips peress li jaf residenti li biex ma jħallux il-borża s-sewda barra li tista' titqatta' mill-klieb jgħabbuha fil-karozza u jarmuha f'dawn l-iskips. Stqarr li ma jridx ikun parti minn din id-deċiżjoni li jitneħħew l-iskips. Fakkar li kemm ix-Xewkija kif ukoll San Lawrenz l-iskips qedgħin taħt l-art. Qal li l-popolazzjoni f'Marsalforn fis-Sajf tkun madwar 11,000 ruħ. Is-Sindku qalet li kieku flok l-iskips tal-Qbajjar titpoġġa jew *bus shelter* billi hemmhekk l-aħħar bus stop jew inkella isiru *bring in site.* Is-Sur Cordina stqarr li bħala lokalita' aħna l-anqas li nisseparaw skart. Il-Viċi Sindku sostniet li għalhekk għandhom isiru l-*bring in sites* minnflok sabiex inħeġġu lin-nies jisseparaw l-iskart. Is-Sur Cordina qal li hemm bżonn isir infurzar tas-siti. Il-Kunsillier Baskal Saliba propona li jitnaqqsu ftit mill-iskips pero mhux jitneħħew għal kollox. Il-membri qablu li isiru x-xogħolijiet meħtieġa sabiex isiru CCTV cameras ġodda. Is-Sindku sostniet li dan il-pass ħaduh Kunsilli oħra u aħna m'għandniex nibżgħu mieħduh ilkoll. Billi ma kienx hemm ebda qbil dwar it-tneħħija ta' dawn l-iskips, il-membri qablu li din il-materja għandha tiġi diskussi f'laqgħa oħra.

44.3.24 Rigward Triq il-Ponta u Triq il-Qbajjar. Is-Sindku nfurmat lil membri li l-Perit tal-Kunsill għandu jħejji l-BOQ ta' Triq il-Ponta kif kien sar il-qbil fil-laqgħa li għaddiet. Infurmat ukoll lil membri preżenti li għaddejja komunikazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex sabiex naraw meta ser isiru.

44.3.25 Rigward il-ħajt li waqa' fi Triq ir-Rabat, infurmat lil membri li tkellmet mal-persuna responsabbli mill-ħsara li sar fuq il-ħajt wara inċident tat-traffiku. Dan għandu jħallas għal dan il-ħajt u għandu jinbena mill-aktar fis possibli u dan sabiex jitneħħa l-perikolu għal sewwieqa oħra.

44.3.26 Talba minngħand sidien ta' ħwienet fi Triq il-Port fejn talbu li ssir *un/loading bay* fi Triq il-Forn. Il-membri qablu li ssir talba lil Transport Malta f'dan ir-rigward.

44.3.27 Proponiet sabiex issir skip bħal taż-Żewwieqa fl-Imġarr fid-*dry standing area* fil-Menqa. Il-Kunsillier Cordina propona li għandhom isiru tnejn minn dawn. Il-membri qablu li tintbgħat korrispondenza f'dan ir-rigward lil Ministeru għal Għawdex.

44.3.28 Rigward il-linja tat-telephone tal-Melita. Is-Sindku proponiet u l-membri qablu li dan għandu jitneħħa peress li ma jintużax u l-Kunsill qatt ma jirċievi telefonati fuqu.

44.4 Budget 2022

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat il-budget 2022 li ġie mħejji mill-Accountant tal-Kunsill. Hawn is-Sindku stiednet lil Accountant sabiex jingħaqad mal-membri tal-Kunsill b'mod virtwali.

L-Accountant beda biex jinforma lil membri li l-allokazzjoni tal-Kunsill għas-sena 2022 hi ta' €610,428. Kompla jgħid li fis-sena 2021 dħul minn permessi u grants ammontaw għal €68,000, l-ispiża tal-*payroll* ammontat għal €170,000, spejjes għal amministrazzjoni ammontaw għal €55,000 waqt li l-ispiża tal-Kunsill għal ħlas ta' servizzi ammontaw għal €300,000. It-total ta' l-ispiża għas-sena 2021 ammontat għal €618,000 fejn il-Kunsill għalaq is-sena b' *surplus* ta' €65,000. L-accountant kompla jgħid li hu mistenni li s-sena 2022 tagħlaq b'*surplus* ta' €165,000. Hu stmat li n-nefqa kapitali ser tkun madwar €227,000 u hu stmat li l-Kunsill għandu jiġbor madwar €150,000 minn grants u DPF.

L-accountant informa lil membri li l-Kunsill jista' jagħmel *revised budget* matul is-sena jekk jiddeċiedi li jagħmel xi proġett.

Il-Kunsillier, Daniel Cordina irringrazzja lis-Sindku preċedenti li ħalla lil Kunsill bla dejn u l-Kunsill irkupra bil-għaqal tiegħu.

Is-Sindku Dott Marlene Cini rringrazzjat lil Accountant tal-Kunsill ta' l-ispjega tiegħu.

44.5 Offerti/Kwotazzjonijiet

44.5.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li wara li l-bord t'Evalwazzjoni evalwa l-offerti mitfuħa għal offerta *Services – Cleaning and upkeep of Zebbug Playing Field, Qbajjar Promenade and Gnien Serhan is-Saghtrija in an environmentally Friendly manner – ZGLC/15/21* l-Bord irrakomanda li l-offerta għandha tingħata lil Be Clean Ltd għal prezz ta' €70,000 billi hi l-irħas offerta. Il-membri qablu.

44.5.2 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li wara li l-Bord t'Evalwazzjoni evalwa l-offerti mitfuħa għal offerta *Tender for the supply of a full electric vehicle for Zebbug Local Council* il-Bord irrakomanda li l-offerta għandha tingħata lil Michael Attard Imports Ltd għal prezz ta' €33,747.38. Is-Seg. Eżekuttiv kompliet tgħid li l-Kunsill japplika wkoll għal grant tal-Gvern. Il-membri qablu. Is-Sur Daniel Cordina propona pero ma kienx hemm qbil li toħroġ *call* għal driver li biex isuqa irid ikollu l-*special license.* Is-Sindku qalet li din għandha terġa tiġi mitkelma meta jasal il-waqt.

44.5.3 Emejl minngħand Xerri's Landscaping Co Ltd għal *additional planting* fiż-Żebbuġ Playing Field dan jammonta għal €150. Il-membri qablu peress li dan kien hemm diġa l-approvazzjoni tal-Perit tal-Kunsill.

44.6 Performance Bonus ta' l-Asst. Prinċipal

44.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lil membri tal-Kunsill illi l-*performance bonus appraisal* ta' waħda mill-Asst. Prinċipali ma ġiex preżentat fil-laqgħa preċedenti. Is-Sindku qalet li ta' l-opinjoni li jingħata il-massimu. Il-membri qablu u għalhekk il-*performance* ser jingħata bis-6%.

44.7 Mistoqsijiet/Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

44.7.1. *Il-Viċi Sindku Sandra Grech ressqet dawn il-punti:*

44.7.1.1 Talbet sabiex issir pressjoni fuq il-Ministeru għal Għawdex għal kisi mill-ġdid ta' Triq il-Qbajjar.

44.7.1.2 Proponiet u l-membri qablu li jsir *cat houses* fejn il-latrina tax-Xwejni waqt li jiġi identifikat site fl-inħawi tal-Wied ta' Marsalforn fejn jistgħu isiru. Il-membri qablu.

44.7.1.3 Rigward ic-*charging pillar* li ġiet installata Triq Santa Marija. Il-Viċi Sindku ddikjarat li l-Kunsill ma kienx jaf fejn kienu ser jitwaħħlu. Is-Sindku nfurmata li din ic-*charging pillar* ser titwaħħal f'post alternatttiv.

44.7.1.4 Talbet lis-Seg. Eżekuttiv sabiex tiġbed l-attenzjoni tal-Public Cleansing Section sabiex it-toroq f'Marsalforn jinkinsu sew u dan peress li l-kenniesa qed imorru jikinsu x'ħin ma jkunx għadu sebaħ. Il-membri qablu li tinġibed l-attenzjoni f'dan ir-rigward.

44.7.1.5 Proponiet sabiex isiru tip ta' bollards madwar il-Qolla l-Bajda peress li qed jidħlu ħafna vetturi u muturi jagħmlu l-*off roading.* Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li kien ha jressaq din il-proposta. Is-Sindku nfurmat lil membri li qabel ma tkun tista' tittieħed xi deċiżjoni, l-ewwel irid jiġi stabilit jekk dik l-*area* hiex pubblika. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li parti hija privata u parti pubblika. Qal ukoll li għandha tiġi implimentata *bye law* li ma tista tidħol ebda vettura fuqha u dan biex tiġi mħarsa. Il-membri qablu li għandu jittieħed il-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill f'dan ir-rigward. Is-Sindku infurmat lil membri li 'Din l-Art Ħelwa' għad ma għandhomx titlu fuq it-torri.

44.7.1.6 Irringrazzjat lil Kunsill li twaħħlu t-tabelli bl-iskeda ta' l-iskart madwar Marsalforn bil-ħinijiet tax-Xitwa. Talbet sabiex isir ukoll tabella li tindika meta tkun il-kollezzjoni tal-ħġieġ. Is-Sur Cordina propona li dawn it-tabelli jsiru bi tlett lingwi.

44.7.1.7 Talbet sabiex jiġu miżbugħa *parking spaces* fi Triq il-Qbajjar peress li l-muturi qed jieħdu l-parkeġġi tal-karozzi u ssir kaxxa waħda għal muturi. Il-membri qablu li l-Perit tal-Kunsill għandu jħejji l-pjanti neċessarji.

44.7.1.8 Talbet sabiex jiżdiedu l-bankijiet li hemm fil-front ta' Marsalforn u jsiru bid-dahar. Is-Sindku infurmata li dawn ser isiru mill-Ministeru għal Għawdex u anke ser jeħlu l-*bins.*

44.7.1.9 Ferħet lil *Community Police* PC Joseph Cini li ser ikun iwettaq dmiru fil-lokalita' taż-Żebbuġ u Marsalforn.

44.7.2 *Il-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:*

44.7.2.1 Terġa ssir *reminder* lil Ministeru għal Għawdex sabiex jinżebgħu s-sinjali sofor speċjalment fejn l-impjant tat-tarmak u d-dragon teeth.

44.7.2.3 Propona sabiex issir kaxxa riservata għal persuni b'diżabilita' fi Triq Skapuċċini fejn il-flettijiet tas-Sagħtrija. Il-membri qablu li r-resident jimla' l-applikazzjoni flimkien mad-dokumenti neċessarji u tinġab l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

44.7.2.4 Talab sabiex isir taraġ ta' l-istainless steel mal-moll tax-Xwejni. Qal li aħjar isir taraġ minflok sellum sabiex ikun aktar aċċessibbli. Il-membri qablu li għandhom jinġabru l-istejjem.

44.7.2.5 Irringrazzja lil Ministeru għal Għawdex talli ġiet ippeċjata Triq il-Qbajjar. Qal li l-*patching* kien sar ħażin u kien għalhekk li kien kritiku pero issa tranġa. Talab sabiex issir pressjoni fuq il-Ministeru għal Għawdex sabiex issir kisja mill-ġdid tat-triq. Is-Sindku kjarifkat li l-*patching* kien sar sew għax kien nieżel ir-romblu fuq il-post mhux kif kien ġie pubbliċizzat fuq il-medja soċjali.

44.7.2.6 Talab sabiex tintalab spjegazzjoni lil Accountant kemm qed tkun in-nefqa tal-Kunsill f'Marsalforn u Żebbuġ għalihom.

44.7.2.7 Talab rendikont tax-xogħol tal-*contracts manager* tal-Kunsill u talab spjegazzjoni tax-xogħol li qed jagħmel kuljum.

44.7.2.8 Rigward il-*crash barriers* fi Triq iż-Żebbuġ talab sabiex il-Kunsill ipoġġi post fuq Facebook page tiegħu x'inhu jsir. Is-Sindku qaltlu li l-Kunsill ipoġġi dan il-post x'hin jitwaħħlu.

44.7.2.9 Talab sabiex il-ħofra li hemm perikoluża fil-Qolla l-Bajda fejn is-salini titgħatta bi grada ta' l-istainless steel peress li hi perikoluża. Il-membri qablu. Is-Sindku rrimarkat li din it-talba diġa kienet

għamlitha hi u baqa' ma sar xejn. Tajjeb li din tingħalaq sabiex jitneħħa l-perikolu.

44.7.2.10 Propona sabiex jinxtara presepju bħal tal-Knisja sabiex ikun jista' jintrama fil-Pjazza għal żmien il-Milied. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jkellem lil Arċipriet.

44.7.3 *Il-Kunsillier s-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:*

44.7.3.1 Talab sabiex jerġa jsir sinjal isfal mal-ġenb ta' garaxx fi Triq ix-Xwejni. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li dab inżebaħ kemm il-darba pero kull darba qed jinżebaħ bl-iswed minn min joqgħod hemm. Il-membri qablu li għandu jkellmu l-pulizija tal-kommunita'.

44.7.3.2 Talab *update* għal bozza ġdida fi Pjazza San Pawl – Marsalforn. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li hemm il-ħtieġa li tinġab l-approvazzjoni ta' sid il-post li ser teħel miegħu din il-bozza. Għal dan il-għan, il-Kunsillier Baskal Saliba talab biex minflok issir *floodlight* imdendla. Il-membri qablu.

44.7.3.3 Talab sabiex il-Kunsill jitlob lil Arms Ltd sabiex il-Kunsill ikollu aċċess għal ħlasijiet tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma u dan sabiex dawn il-ħlasijiet ikunu jistgħu isiru mill-uffiċċini tal-Kunsill. Il-membri qablu.

44.7.3.4 Talab sabiex titranġa rampa li tagħti għal ġo l-egħlieqi fi Triq is-Sagħtrija. Il-Kunsillier Baskal Saliba għandu jibgħat ir-ritratti lil Kunsill f'dan ir-rigward sabiex il-Kunsill jara x'jista' jsir.

44.7.3.5 Talab sabiex jitranġa ħajt fi Triq iż-Żebbuġ. Il-membri qablu li għandha ssir talba fuq il-Gozo LC Works.

44.7.3.6 Talab sabiex tinżebaħ il-*motorcycle bay* fi Triq Ta' Barda. Il-membri qablu.

## 44.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti

44.8.1 Ittra mill-JP Foundation sabiex il-Kunsill b'kolaborazzjoni mal-istess fondazzjoni jorganizza serata mużikali fil-Knisja ta' San Pawl

f'Marsalforn fl-okkażżjoni tal-Festa Ta' San Pawl nhar is-Sibt, 5 ta' Frar 2022. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jtella' din is-serata.

44.8.2 Korrispondenza mid-DLG rigward Każ Nru 05/2022 – *Christmas Presents*. Is-Sindku Dott Marlene Cini qalet li minħabba l-pandemija fis-sena 2021 ma kienx ser isir użu mill-fondi li ġew allokati fil-budget għal ospitalita' u kien għalhekk li l-Kunsill iddeċieda li jinxtraw dawn ir-rigali peress li ma kienux ser isiru ċertu attivitajiet. Għal dan il-għan il-Kunsill kien iddeċieda li dan l-ammont jintuża għal dak li kien ippjanat cioe' fil-komunita' u dan sar billi l-Kunsill ra li jferraħ u jagħti xi ħaġa lil kull familja fi żmien il-Milied. Dan sar fir-realta' li ilna ngħixu fiha għal aktar minn sentejn. Il-membri qablu li tintbgħat din ir-risposta lid-Dipartiment għal Gvern Lokali. Il-Kunsillier Cordina xtaq jagħmel punt fl-interess tal-Kunsill u qal li l-Kunsill għandu joqgħod attent li ma jippunta subajh lejn ħadd. Kompla jgħid li hu qatt ma ippunta subajh lejn ħadd u li min irraporta kellu dritt jagħmel dan. Qal li bħala Kunsill ittieħdet id-deċiżjoni li jinxtraw dawn ir-rigali biex igawdu r-residenti.

44.8.3 Talba minn għand sid ta' ħanut li għandu ħanut fi Pjazza l-Assunta, fejn talab sabiex titwessa l-bankina sabiex ikun jista' jpoġġi l-imwejjed u siġġijiet Il-Kunsillier Daniel Cordina propona sabiex il-parti ta' nofs il-pjazza fejn hemm il-parkeġġ jiġi *paved* bil-madum u jkun livell mat-tarmac. Il-membri qablu li għandha ssir laqgħa fuq il-post mal-Perit tal-Kunsill. L-istess sid talab sabiex issir mina taħt il-bankina sabiex jitneħħew il-*wires* tad-dawl minn mal-faċċata tiegħu. Il-membri ma qablux ma din peress li ma jistgħux jagħmlu xogħol għal persuna waħda biss u mhux għal pjazza kollha.

44.8.4 Talba minn għand qassis sabiex terġa ssir kopja riveduta tal-ktieb li kien ħareġ 'Iż-Żebbuġ – Il-parroċċa ta' Santa Marija'. Il-membri qablu li dan għandu jġib kwotazzjoni f'dan ir-rigward sabiex il-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni.

44.8.5 Ittra rigward l-istazzjon Radju Għażżiela. Il-membri qablu li dan għandu jerġa jiġi mġedded.

44.8.6 Emejl mibgħuta mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali fejn infurmat lil Kunsill li s-Seg. Eżekuttiv għandu jkun fuq Skala 7 fil-massimu peress li s-Segretarja kienet diġa taħdem bħala Segretarja f'Kunsill ieħor. Għal dan il-għan il-membri qablu li l-paga tas-Segretarja għandha tiġi amendata.

44.8.7 Emejl mibgħuta minn Tai Chi Classes. Il-membri qablu li dawn il-klassijiet jistgħu jsiru fil-Qbajjar Promenade b'kollaborazzjoni mal-Kunsill billi l-Kunsill joffri l-post.

44.8.8 Ittra mill-Iskola Primarja fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-iskola qed tiprova tirbaħ il-Gold Medal għal iskejjel promoturi tal-Qari. Is-Sindku wieġbet li kien għalhekk li talbet sabiex il-ħinijiet tal-librerija ta' kull nhar ta' Tlieta jinbidlu u tinfetaħ waqt il-ħin ta' l-iskola.

44.8.9 Rigward Cir AKL 2022/003 – Personal Accident Policy u Cir AKL 2022/002 – Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Il-membri qablu li ikunu koperti b'dawn il-polzi.

44.8.10 Emejl m'għand resident rigward *indiscrimate parking in Triq Qolla s-Safra, Marsalforn.* Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jinforma lil Awtoritajiet b'dan il-parkeġġ illegali.

44.8.11 Ilment Nru 48/2021
Talbet għal disabled parking space quddiem id-dar tagħha.
Il-membri qablu li din l-applikazzjoni għandha tintbgħat lil Transport Malta.

44.8.12 Ilment Nru 49/2021
Titlob sabiex titranġa l-bankina u ħofra fl-istess bankina fi Triq Santa Marija.
Il-membri qablu li jitolbu lil dan ir-resident jibgħat ir-ritratti.

44.8.13 Ilment Nru 01/2022
Jitlob sabiex issir biċċa xibka għax qed jaqgħu l-klieb ġol-bir li għandu fl-għalqa tiegħu f'Wied l-Infern.
Il-Kunsillier Baskal Saliba ddikjara konflitt ta' nteress.
Il-membri ma qablux li din issir peress li dan ix-xogħol jinsab fil-privat.

44.8.14 Ilment Nru 02/2022
Jitlob sabiex jitkompla d-double yellow line fi Triq Skapuċċina.
Il-membri qablu li dawn jitkomplew peress li diġa kienu hemm u tneħħew meta saret il-bankina.

44.8.15 Ilment Nru 03/2022
Titlob sabiex jitneħħew żewġ kantuni u biċċa njama minn fuq il-bankina fi Triq is-Salini u ssir manutenzjoni tal-gradilja li hemm taħthom.
Il-membri qablu li din għandha tiġi rrapurtata fuq il-Gozo LC Works għal talba ta' bankina ġdida.

**44.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

44.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 30/2022 għall-perjodu ta' Jannar 2022 li tammonta għal € 88,086.41 ġiet approvata u ffirmata mill-membri preżenti.

**44.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

44.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fid-9.00 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss għandha tiġi miftehma aktar il-quddiem.

Dott Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv